**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Frar, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 892/2017 AF**

**David Grech**

**vs**

**Joseph Scicluna**

**Emanuel Scicluna**

**Plaistow Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-rikorrenti David Grech, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent kien hallas lil Joseph Scicluna s-somma ta' erbghin elf Lira Maltin (Lm40,000) ekwivalenti ghal tlieta u disghin elf, mija u erbgha u sebghin Ewro u erbgha u disghin ewro centezmi (€93,174.94c), kif ukoll is-somma ta' mija u hamsin elf Lira Sterlina (£150,000) ekwivalenti ghal mija u disgha u sittin elf, tmien mija u erbghin Ewro u sitta u tmenin ewro centezmi (€169,840.86c), sabiex dan jixtrilu makkinarju u spare parts minn gewwa l-Ingilterra.

Uhud mill-flejjes ir-rikorrent ghadda l-flus lil internay Joseph Scicluna tramite l-intimat Emanuel Scicluna.

Jirrizulta li Joseph Scicluna ma xtarax din il-makkinarju u zamm il-flus ghalih.

In rikonoxximent tad-dejn li Joseph Scicluna kellu mar-rikorrent, il-partijiet ghamlu struttura privata nhar l-14 ta' Gunju 2014 (Dok. A) fejn oltre ghal Joseph Scicluna dahal bhala garanti ghal l-istess kreditu iben Joseph Scicluna, l-intimat Emanuel Scicluna.

Minn ricerka li ghamel ir-rikorrent irrizulta li l-intimati Scicluna m'ghandhomx assi immobiljari f'isimhom personali gewwa Malta li fuqhom ir-rikorrent jista' jesegwixxi l-kreditu tieghu.

Però mir-ricerki li ghamel ir-rikorrent jirrizulta li l-intimat Joseph Scicluna kien holoq struttura fiducjarja intiza sabiex jeludi lill-kredituri tieghu fis-sens li ttrasferixxa l-unici assi immobiljari li kellu lis-socjetà Plaistow (C-45794) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Malcolm Licari datat it-23 ta' April 2009.

Meta l-intimat Joseph Scicluna huwa l-ultimate beneficial owner ta' Plaistow Limited (C-45794).

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi Joseph Scicluna huwa debitur ta' David Grech fis-somma ta' mitejn u tlieta u sittin elf u hmistax-il elf Ewro u tmenin centezmi (€263,015.80c).

2. Tiddikjara lil Emanuel Scicluna garanti td-debitu ta' Joseph Scicluna fl-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin elf u hmistax-il Ewro u tmenin ewro centezmi (€263,015.80c).

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin elf u hmistax-il Ewro u tmenin ewro centezmi (€263,015.80c) lil David Grech.

4. Tiddikjara illi Joseph Scicluna huwa l-ultimate beneficial owner tas-socjetà Plaistow Limited (C-45794).

5. Tiddikjara. li s-socjetà Plaistow Limited (C-45794) kienet kostitwita sabiex l-intimat Joseph Scicluna jeludi l-kredituri tieghu.

6. Konsegwentement tordna u tikkundanna lis-socjetà Plaistow Limited (C-45794) sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn li l-intimat Joseph Scicluna ghandu mar-rikorrenti David Grech.

Bl-ispejjez u bl-imghax dekoribbli skond il-ligi kontra l-intimati li huma minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta maħlufa tal-intimati li permez tagħha ġie eċċepit illi:

L-awtenticità tal-iskrittura Dok. B tal-14 ta' Gunju 2014 hija kkontestata ghaliex l-intimat Joseph Scicluna qed jikkontendi li l-firma li suppost hija tieghu fuq l-istess skrittura fil-fatt mhix maghmula minnu.

In oltre l-intimat Joseph Scicluna jinsisti huwa fil-fatt mhux debitur tar-rikorrent fl-ammont indikat fir-rikors mahluf.

Minghajr pregudizzju l-intimat Emanuel Scicluna f'ebda hin ma offra ruhu bhala garanti ghal djun li talvolta seta' kellu jew ghandu ta' Joseph Scicluna.

Plaistow Limited b'ebda mod qatt ma kienet ta' Joseph Scicluna jew b'xi mod tappartjeni lilu u certament ma tifforma l-ebda parti minn xi struttura fiducjarja jew mod iehor ghan-nom tal-istess Joseph Scicluna.

It-talbiet rikorrent ghalhekk ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2017 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża sabiex isem l-ewwel intimat jaqra Joseph Scicluna biss.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2019 il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1016/17MCH fl-ismijiet David Grech vs Joseph Scilcuna et.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-intimat Joseph Scicluna huwa debitur tiegħu fis-somma ta' €263,015.80 rappreżentanti flus mgħoddija mir-rikorrenti lil Scicluna sabiex dan tal-aħħar jakkwista makkinarju u *parts* mill-Ingilterra, liema *parts* u makkinarju ma waslu qatt għand ir-rikorrenti. Talab ukoll illi l-intimat l-ieħor Emanuel Scicluna jiġi dikjarat garanti għas-somma intiera u li l-intimati jiġu kkundannati jħallsu s-somma fl-intier lir-rikorrenti. Talab ukoll lill-Qorti tiddikjara illi l-*ultimate beneficial owner* tas-soċjetà intimata Plaistow Limited huwa l-intimat Joseph

Scicluna.  In oltre r-rikorrenti talab dikjarazzjoni illi s-soċjetà intimata ġiet kostitwita sabiex teludi l-kredituri tagħha u li għalhekk għandha tiġi ordnata tagħmel tajjeb għad-dejn mertu ta' din il-kawża kif ukoll għall-ispejjeż u l-imgħax fuq is-somma.

L-intimati laqgħu għall-azzjoni billi b'risposta ġuramentata waħda bejniethom kollha eċċepew illi l-firma fuq l-iskrittura privata tal-14 ta' Ġunju 2014 mhijiex dik tal-intimat Joseph Scicluna.  Ġie eċċepit ukoll illi Joseph Scicluna mhuwiex debitur tar-rikorrenti, li Emanuel Scicluna qatt m'offra ruħu garanti u li s-soċjetà intimata mhijiex proprjetà ta' Joseph Scicluna.

Essenzjalment, it-talba tar-rikorrenti kif ifformolata tinqasam fi tnejn.  L-ewwel li jrid jiġi stabbilit huwa jekk l-intimati jew min minnhom humiex tassew debituri tar-rikorrenti għall-ammont minnu ndikat.  Il-Qorti tifhem illi t-tieni parti tat-talba hija konsegwenzjali għall-ewwel talba u in kawtela tad-drittijiet tar-rikorrenti li jekk kemm il-darba jiġi kanonizzat kreditur irid jassigura ruħu li jitħallas.

Il-Qorti sejra tibda billi tislet u tixtarr dawk il-provi li huma ta' rilevanza sabiex jiġi stabbilit jekk l-allegat dejn huwiex tassew dovut.

Skont dak premess mir-rikorrenti fir-rikors promotur, huwa għadda lill-intimat Joseph Scicluna komplessivament is-somma ta' €263,015.80 sabiex l-intimat jakkwista inġenji u *parts* mill-Ingilterra.  Mill-provi rriżulta li r-rikorrenti jinnegozja fil-bejgħ u f'xiri tal-vannijiet Malta waqt illi l-intimat għandu jew kellu *yard* tal-karozzi ġewwa Londra u jinnegozja fil-bejgħ ta' vetturi kummerċjali.  Dan ifisser illi l-partijiet kienu qegħdin jagħmlu negozju bejn Malta u l-Ingilterra.

Joseph Grech, li huwa ħu r-rikorrenti xehed illi huwa kien il-persuna li kienet tgħaddi l-flus tar-rikorrenti lill-intimat Joseph Scicluna jew lil ibnu Emanuel Scicluna għaliex kienu jaħdmu flimkien.  Spjega illi dan l-arranġament sar madwar 30 jew 40 darba.  Il-flus kienu jgħaddu minn id għal oħra billi jiltaqgħu fid-dar ta' Grech ġewwa l-Ingilterra u cioè fi 12, Ram Close, Garmith Street, Wapping, London.  Ġieli wkoll iltaqgħu fid-dar tal-intimati

Scicluna u cioè f'36, Florence Street, London jew inkella fil-*yard* ta' Scicluna li tinsab f'Leyton High Road ġewwa Londra. Grech kompla jixhed illi r-rikorrenti kien jibagħtlu l-flus b'ċekk jew permezz ta' *bank draft* direttament fil-kont ta' Joseph Grech ma' Barclays Bank biex dan jgħaddihom lil Joseph Scicluna. Qal illi ġeneralment il-flus kienu jgħaddu minn id għal oħra in kontanti biss darba r-rikorrenti ried jgħaddi lil Joseph Scicluna s-somma ta' £50,000 f'pagament wieħed u għalhekk Joseph Grech u Joseph Scicluna marru flimkien il-bank fuq struzzjonijiet tal-imsemmi Scicluna, Grech għamel *bank draft* favur TJ Kelly Commercial Limited li hija reġistrata Malta. In sostenn ta' dan fl-atti ġiet ippreżentata kopja tal-*bank draft* għas-somma ta' £50,000[1].

Joseph Grech xehed illi l-intimati Scicluna dejjem kienu jgħidu li ser ibiegħu il-*yard* li kellhom ġewwa Londra u b'hekk ikollhom biex iħallsu lura lir-rikorrenti. Jgħid ukoll illi l-intimati Scicluna kienu jgħidulu li għandhom anki proprjetà ġewwa Malta u cioè il-proprjetà minn fejn topera s-soċjetà TJ Kelly u li għalhekk ma kienx ser ikun hemm problemi sabiex ir-rikorrenti jitħallas lura. Joseph Grech kien jistaqsi wkoll x'kien ser jiġri mid-debitu jekk kemm il-darba jiġri xi ħaġa lill-intimat Joseph Scicluna essendo dan anzjan. Spjega illi Emanuel Scicluna kien jgħidlu li ma kien hemm ebda problema għaliex kollox kien f'idejh.

Kontro-eżami ta' dan ix-xhud ma sarx.

Ir-rikorrenti David Grech xehed illi huwa għandu negozju konsistenti fl-importazzjoni ta' trakkijiet u vetturi kummerċjali. Spjega illi kellu bzonn xi nġenji sabiex jaħdem fit-toroq Maltin u peress li kien ilu jaf lill-intimati Scicluna s-snin, huwa ħalla f'idhom sabiex jixtrulu l-inġenji mill-Ingilterra. L-inġenji però ma waslu qatt. Huwa spjega illi kien jibgħat il-flus lil ħuħ li kien jgħix ġewwa l-Ingilterra biex dan jgħaddihom lill-intimati Scicluna. Sostna li fuq struzzjonijiet ta' Emanuel Scicluna li kien jgħid li ma kellux kont bankarju ġewwa Malta, ir-rikorrenti għamel diversi ċekkijiet favur terzi li jinsabu Malta. Dan kien isir dejjem bħala ħlas lill-intimati Scicluna. Żied jgħid illi peress illi ma jafx jaqra u jikteb dawn iċ-ċekkijiet kienu jinkitbu direttament mit-

[1] Dok. CC1 a fol. 21

terzi persuni nvoluti.  In sostenn ta' dawn ir-rikorrenti ppreżenta in atti kopja ta' żewġ ċekkijiet maħruġa mill-kont tar-rikorrenti mal-Bank of Valletta plc wieħed fl-ammont ta' Lm8,000 favur ċertu T. Fenech u l-ieħor fl-ammont ta' Lm10,000 favur ċertu Anthony Camilleri.  Riferibbilment għan-notament miktub bl-idejn fuq id-dokument immarkat bħala 'Dok. D' a fol. 10 tal-proċess, ir-rikorrenti xehed illi dan jirreferi għall-għoti tas-somma ta' Lm22,000 lil Frans Scicluna li huwa ħu Joseph Scicluna.  Skont dan in-notament is-somma ta' Lm22,000 għaddiet fi flus kontanti.

In kwantu d-dokument esebit bħala 'Dok. B' a fol. 8 tal-proċess ir-rikorrenti xehed illi din l-iskrittura saret mill-intimati Scicluna u kien Emanuel Scicluna stess li mar biha personalment fl-indirizz 10, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u cioè il-post minn fejn jopera n-negozju tiegħu ir-rikorrenti.  Dan id-dokument jattesta li r-rikorrenti għadda lill-intimata Scicluna s-somma ta' Lm40,000 u s-somma ta' £150,000 biex jinxtraw "*commercial trucks, industrial machinery and all types of spare parts for all type of cars and trucks*".  Fuq l-istess skrittura privata jingħad ukoll illi Joseph Scicluna ma rnexxilux jixtri dak mitlub mir-rikorrenti u li għalhekk kien qiegħed jobbliga ruħu li jħallas lura s-somma ntiera mir-rikavat tal-bejgħ ta' proprjetà li kellu ġewwa Londra jew b'mezzi oħra possibbli.  In oltre, ġie mniżżel ukoll illi Emanuel Scicluna kien qiegħed jobbliga ruħu *qua* garanti għall-ħlas tas-somma li in ogni każ kellha titħallas fi żmien massimu ta' sentejn minn dak inhar tal-iffirmar tal-istess skrittura li tirriżulta datata 14 ta' Ġunju 2014.  Din il-karta tidher iffirmata mir-rikorrenti u mill-intimat Joseph Scicluna.

Ir-rikorrenti sostna li l-intimati Scicluna kienu jgħidulu li kien ser jitħallas lura minn somma flus sostanzjali li kellhom jirċievu. Imbagħad bdew jgħidulu li ser jitħallas mir-rikavat tal-bejgħ ta' proprjetà li kellhom ġewwa Londra u minn proprjetà li kellhom ġewwa Malta senjatament f'St. Simon Street, Buġibba. Madanakollu xehed illi huwa qatt ma tħallas lura.

Joseph Scicluna qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri u dan minkejja kemm tentattivi saru sabiex dan jixhed anki b'mod virtwali.

Emanuel Scicluna xehed illi huwa ilu s-snin ma jkellem lil missieru u li fl-isfond ta' dawn il-proċeduri kkuntattja lil missieru tramite ibnu. Xehed illi missieru kellu negozju ġewwa l-Ingilterra konsistenti fil-bejgħ ta' nġenji u kellu diversi kumpaniji fosthom Work Frame Limited u TJ Kelly Limited. Jgħid però li ma jafx x'kien jagħmel missieru għaliex ilu s-snin ma jkellmu.

Għal dak illi jirrigwarda l-involviment tal-intimati fis-soċjetà intimata Plaistow Limited, huwa xehed illi l-unika konnessjoni li kellu ma' din is-soċjetà kien f'kuntest fejn bħala mpjegat ta' Plaistow kien jissorvelja l-impjegati tagħha. Xehed illi Plaistow hija soċjetà involuta fil-bini u għandha diversi proprjetajiet ġewwa Buġibba. Jiċħad li qatt kien direttur jew azzjonista fi Plaistow.

Kompla jixhed illi ġieli kien ikun Malta u matul dawn il-perjodi kien jimpjegah Charles Attard.

Muri ċ-ċekk ippreżentanti mir-rikorrenti a fol. 9 tal-proċess, huwa xehed illi ma jafx jispjega r-raġuni għan-notament fuq wara taċ-ċekk liema notament jaqra Mula, madanakollu kkonferma li l-laqam ta' missieru huwa Joe il-Mula.

Xehed ukoll illi mar-rikorrenti ltaqa' għall-ewwel darba ftit qabel bdew l-odjerni proċeduri. Ċaħad li kien hu li għadda d-dokument a fol. 8 tal-proċess lir-rikorrenti u sostna li misseru qatt ma qallu xejn dwar flus li seta' rċieva mingħand ir-rikorrenti. Sostna wkoll illi għalkemm jaf lil ħu r-rikorrenti dan qatt m'għaddielu flus destinati għal missieru. Madanakollu xehed illi jemmen li Joseph Grech silef xi flus lil missieru.

Illi r-rikorrenti qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq skrittura privata li saret bejn il-partijiet u li tinsab esebita flimkien mar-rikors promotur. F'din l-iskrittura ġie ddikjarat illi r-rikorrenti "*in the last few years has paid me Joseph Scicluna the sums of 40,000 maltese lira and 150,000 english pounds, for me to buy for him commercial trucks, industrial machinery, and all kind of spare parts for all type of cars and trucks*." L-intimati lkoll flimkien ressqu diversi eċċezzjonijiet kollha fil-mertu fejn

essenzjalment qegħdin jiċħdu li Joseph Scicluna huwa debitur tar-rikorrenti jew li ffirma l-imsemmija skrittura privata.

F'dan il-każ il-Qorti semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti u ta' ħuħ. Ebda wieħed minnhom ma' ġie kontro-eżaminat. Semgħet ukoll ix-xhieda ta' Emanuel Scicluna. Mill-banda l-oħra minkejja kemm opportunatijiet ġew lilu konċessi, l-intimat Joseph Scicluna baqa' ma resaqx biex jixhed f'dawn il-proċeduri.

Id-dejn reklamat mir-rikorrenti qiegħed jiġi kkontestat bħala mhux dovut. Huwa ċar għal din il-Qorti li l-modalità ta' kif sar n-negozju bejn ir-rikorrenti u l-intimati Scicluna huwa neboluż u suspettuż għall-aħħar. Il-Qorti tqis bħala inspjegabbli kif ir-rikorrenti kien qiegħed jgħaddi l-flus lill-intimati Scicluna sabiex jixtrulu l-inġenji u *parts* u nonostante l-fatt li dawn qatt ma mmaterjalizzaw, ir-rikorrenti baqa' xorta waħda jibgħatilhom il-flus. Flus, li skont ma xehed ħu r-rikorrenti għaddew fuq medda ta' 30 jew 40 darba u f'somma komplessiva ta' xejn inqas minn €263,015.80 – somma ċertament konsiderevoli. Il-Qorti għalhekk issibha diffiċli temmen li l-flus li kienu qed jgħaddu mir-rikorrenti għal għand l-intimat kienu tassew intiżi għax-xiri ta' makkinarju u *parts*. Anki għaliex li kieku dan kien tassew minnu, u li kieku tassew in-negozju kien wieħed leċitu ma kienx ikun hemm skop għaliex il-flus jgħaddu fil-maġġior parti tagħhom in kontanti. F'dan ir-rigward il-Qorti qieset bir-reqqa dak illi xehed Emanuel Scicluna meta qal li jemmen li Joseph Grech ossia ħu r-rikorrenti silef il-flus lil missieru. Għal din il-Qorti il-fatt li Emanuel Scicluna semma lil Joseph Scicluna u mhux lir-rikorrenti bħala li sellef il-flus lil missieru huwa sempliċement konferma tal-fatt li l-flus, anki jekk kienu tar-rikorrenti, kien Joseph Grech li kien jgħaddihom lill-intimat Joseph Scicluna u allura dan seta' nissel f'Emanuel Scicluna il-ħsieb li l-flus kienu tassew ta' Joseph Grech. Għall-Qorti huwa wkoll ferm sinifikattiv il-fatt li Emanuel Scicluna jsemmi self u mhux negozju kif donnu jrid jagħti l-impressjoni r-rikorrenti.

In kwantu għall-allegat kreditu, il-Qorti mhijiex sodisfatta fil-grad li trid il-liġi mis-somma li għaddiet minn id għal oħra għaliex ir-rikorrenti naqas pależement milli jippreżenta prova tal-ammonti li għaddew. Mhux talli ma ressaqx prova ta' flus li

potenzjalment seta' ttrażmetta favur il-kont bankarju ta' ħuħ biex dan imbagħad jgħaddihom lill-intimati Grech, talli lanqas imqar preżenta xi riċevuta relattiva għall-flus li għaddew. Bħal donnu l-flus għaddew mingħajr ebda rendikont ta' xejn. Dan huwa prova ċara tal-fatt li jekk tassew ir-rikorrenti għadda din is-somma kollha lill-intimati Scicluna jew min minnhom, ma ħax ħsieb jikkawtela lilu nnifsu. Konsegwentement, la darba l-Qorti ma rat ebda prova konkreta u fattwali tal-pagamenti li saru favur l-intimati jew min minnhom, waqt li tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha li dak li għadda bejn ir-rikorrenti u l-intimati Scicluna ma kienx negozju regolari kif qiegħed jipprova jagħti l-impressjoni r-rikorrenti, il-Qorti ma tistax tadixxi għat-talbiet tar-rikorrenti. Isegwi, illi la darba ma ġiex ippruvat id-debitu reklamat mir-rikorrenti, ma hemmx skop għaliex il-Qorti għandha tinoltra fil-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti u tal-eċċezzjonijiet tal-intimati li huma biss konsegwenzjali għall-ewwel talba tar-rikorrenti.

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż kollha jitħallsu mir-rikorrenti.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur